MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 62/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Hugo Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Hugo Mamo, bin Simon u Rowena nee' Busietta, imwieled Victoria, nhar il-25 ta' Mejju, 1987, residenti fil-fond numru Les Chavalier, Triq Jean Houel, San Pawl Tat-Targa, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 31687(G) li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-05 ta Marzu, 2011, u matul l-ahhar sena ta' qabel, gewwa In-Nepputi, Triq id-Disgha u Ghoxrin ta' Awwissu, 1679, Gharb, ghal habta ta' l-erbgha u nofs ta filghodu, u fi bnadi ohra f'hinjiet differenti:

a) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (d), tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta’ Mejju 2011;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument G u tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------